ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 472**

**It-Tnejn 13 ta' Frar, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Domenic Agius – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Agius (Is-Sway) – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Bonnici – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ħadd ma kien assenti.

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Duncan Busuttil – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ippresieda l-laqgħa.

**472.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

472.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**472.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

472.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 471.9.4 u minflok il-kliem 'Brian Spiteri' jidħol il-kliem 'Joseph Bonnici.'

472.2.2 Il-minuti tal-471 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

**472.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

472.3.1 Fis-6.15 ta' filgħaxija is-Sur John J Pace u l-Viċi-Sindku daħlu għal-laqgħa.

472.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien talab laqgħa mal-Perit Claude Borg, il-*lecturer* responsabbli mill-proġetti tar-restawr li jsiru mill-istudenti tal-MCAST iżda ma kienx irċieva risposta mingħand il-Perit Borg u qal illi minflok din il-laqgħa kienet saret laqgħa oħra flimkien mal-Perit tal-Kunsill u student tal-MCAST fejn ġiet diskussa l-possibilità li tiġi restawrata l-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku qal illi sabiex tiġi restawrata l-Mina ta' Hompesch trid issir applikazzjoni mal-MEPA u l-Kunsill kien intalab sabiex iħallas l-ispejjeż tal-materjal u l-ħlas għall-kiri ta' makkinarju u apparat li jrid jintuża. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-ispiża tal-i*scaffolding* kienet ser tammonta għal madwar €20,000 u għalhekk kien ser jipprova jagħmel laqgħa sabiex l-i*scaffolding* jiġi *sponsored* minn xi kumpanija. Is-Sindku qal ukoll illi x-xogħol ta' restawr kien ser isir tliet darbiet fil-ġimgħa minn grupp ta' madwar għaxar studenti matul is-sena skolastika Ottubru 2017 – Mejju 2018. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-jiem li ġejjin kienet ser issir laqgħa fuq is-sit flimkien mal-Perit tal-Kunsill, mas-Sur Frans Gafa, mal-Grupp tal-Armar u mas-Sur Victor Camilleri sabiex tkun tista' issir stima tal-ispejjeż u l-Kunsill jkun jista' jibda l-proċess għal sejħa għall-offerti.

472.3.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jsir ix-xogħol ta' restawr fil-Mina ta' Hompesch mill-istudenti tal-MCAST.

## 472.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

472.4.1 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet min hu responsabbli għall-ħofor li jkun hemm f'toroq li qatt ma ġew asfaltati wara li jkunu ġew irranġati mill-individwi li jkunu joqgħodu f'dik it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-responsabbiltà tal-kundizzjoni tat-triq tal-individwi li jkunu joqgħodu f'dik it-triq peress illi dawn huma obbligati li jħallu t-triq fi stat tajjeb wara li jkunu bnew u fetħu nofs it-triq sakemm din it-triq tiġi asfaltata mill-Gvern Ċentrali.

472.4.2 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-attività relatata ma' Jum Ħaż-Żabbar kienet suċċess.

472.4.3 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva kemm hi l-allokazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv St Peter. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

472.4.4 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi r-*reflectors* li hemm fuq l-istatwa ta' San Ġużepp u fuq il-barbier fi Triq is-Santwarju u li jagħtu d-dawl għal fuq il-knisja, kienu għadhom maqtugħa.

472.4.5 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien inbidel ir-reċipjent għar-rimi tal-ħġieġ li hemm fi Triq tal-Labour u staqsa jekk il-Kunsill kienx ser iħallas l-ispiża għat-tibdil tar-reċipjent. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

472.4.6 Is-Sur Joseph Bonnici nforma lill-Kunsill dwar laqgħa li kellu mal-*Planning Authority* fejn ġiet diskussa l-applikazzjoni sottomessa mis-Sinjura Carmen Farrugia dwar *Pirella Supermarket* fi ~~Triq Hompesch~~ Triq il-Mina ta' Hompesch għalkemm fuq il-permess tal-*Planning Authority* qiegħda Triq Hompesch, sabiex tkun sanzjonata proprjetà mibnija, inkluż estenzjoni tas-*supermarket*, *stores*, parkeġġ u sinjali mibnija barra ż-żona tal-iżvilupp. Is-Sur Joseph Bonnici qal illi sabiex ikun hemm kumpens għall-impatt tal-iżvilupp li jinsab barra iż-żona ta' żvilupp, id-Direttorat tal-*Planning Authority* irrakkomanda kontribuzzjoni finanzjarja mill-applikanta bħala ħlas ta' darba li tammonta għal €50,000 lill-Fond tal-Ippjanar qabel il-ħruġ tal-permess. Is-Sur Bonnici qal ukoll illi l-applikanta kienet qed tintalab li titwaqqa' *farmhouse* fis-Siġġiewi u tirrijabilita s-sit bil-ħamrija għall-użu agrikolu sabiex tikkumpensa għall-art li qiegħda barra ż-żona ta' żvilupp f'Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni sabiex tiġi sanzjonata ~~din il-proprjetà.~~ l-proprjetà *Pirella Supermarket.* (Emendat))

472.4.7 Is-Sur Joseph Vella ressaq quddiem il-Kunsill lista tal-ispejjeż relatati ma' Jum Ħaż-Żabbar.

472.4.8 Is-Sindku qal illi c-*Chain Supermarket* kien ipprovda parti mill-ikel għar-riċeviment ta' Jum Ħaż-Żabbar.

472.4.9 Is-Sur Joseph Bonnici qal illi ma setax jattendi għal Jum Ħaż-Żabbar peress illi kien ma jiflaħx.

## 472.5 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

472.5.1 Il-minuti tat-88 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

472.5.2 Fis-6.30 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

## 472.6 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2016

472.6.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Statements* għas-sena 2016.

## 472.7 Ġemellaġġ mal-Comune Di Vignanello

472.7.1 Inqrat il-mozzjoni mressqa mis-Sur Joseph Vella u ssekondata mis-Sindku dwar proposta ta' Ġemellaġġ mal-Comune Di Vignanello. Il-Kunsill qabel unanimament mal-mozzjoni kif approvata.

472.7.2 Is-Sur Joseph Vella qal illi kien beda diversi diskussjonijiet sabiex isir il-Ġemellaġġ mal-Comune Di Vignanello.

472.7.3 Is-Sur Joseph Vella qal illi qiegħda tintalab l-approvazzjoni biex fl-1 ta' Marzu, 2017 tiġi sottomessa applikazzjoni sabiex jinġiebu fondi u delegazzjoni titla' l-Italja sabiex ikun jista' isir l-iffirmar tal-Ġemellaġġ.

472.7.4 Is-Sur Joseph Vella qal illi kien għamel kuntatt mal-Ambaxxata Maltija fl-Italja u ġiet diskussa l-possibiltà li jsir *Youth Exchange* mingħajr spejjeż għall-Kunsill. Is-Sur Vella qal illi s-Sur Sandro Gozi, Segretarju tal-Istat Taljan għall-affarijiet Ewropew kien issuġġerixxa li dan l-iskambju jsir ma' villaġġ b'interessi kulturali u soċjali simili ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Vella qal ukoll illi flimkien mal-MUSEAC kien mela applikazzjoni sabiex jinġiebu fondi mill-Unjoni Ewropeja u qal illi din l-applikazzjoni kienet ġiet sottomessa għall-iskrutinju tal-*European Union Programm Agency of Malta.*

472.7.5 Is-Sur Joseph Vella qal illi kien hemm skema ta' fondi amministrat mill-GAL Xlokk fejn il-Kunsill jista' japplika għal fond agrikolu Ewropew għall-iżvilupp rurali.

472.7.6 Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li tiġi rranġata Triq San Leonardu taħt din l-iskema.

472.7.7 Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tinġieb iktar informazzjoni dwar din l-iskema għal fond agrikolu Ewropew għall-iżvilupp rurali sabiex tiġi rranġata Triq Ħas-Sajjied.

472.7.8 Is-Sur Joseph Vella qal illi kien ser jieħu ħsieb iġib iktar informazzjoni dwar din l-iskema.

472.7.9 Inqrat ittra li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sinjura Agnes Edwards dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Ħadd in-Nies. Is-Sinjura Edwards talbet kumpens ta' €78.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamlet fil-vettura tagħha. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

472.7.10 Inqrat ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Glenn Montesin dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Ħadd in-Nies fejn intalab kumpens ta' €55.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

472.7.11 Inqrat ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur James Baldacchino dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Ħaż-Żabbar, fejn talab kumpens ta' €180.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

472.7.12 Inqraw ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Christian Scicluna dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq San Ġużepp, fejn intalab kumpens ta' €166.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

472.7.13 Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) qal illi kien hemm diversi ħofor perikolużi fi Triq il-Mina ta' Hompesch.

472.7.14 Is-Sindku rrefera għal Ċirkulari numru 6/2017 relatata mal-*allowance* lill-Kunsillieri fejn ġie kjarifikat li jekk Kunsillier ma jattendix għal raġunijiet ta' safar, mard li jkun attestat b'ċertifikat tal-mard, jew għal raġuni oħra li dwarha l-Kunsillier ikun kiteb lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali u tkun ġiet maqbula bħala raġuni valida mill-Kunsill Lokali, dan in-nuqqas ta' attendenza m'għandux ikun ikkunsidrat għal skop ta' tnaqqis mill-imsemmija *allowance.*

472.7.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fl-4 ta' Marzu kienet ser issir laqgħa plenarja għall-Kunsillieri.

472.7.16 Inqraw il-minuti tas-Sotto-Kumitat għall-Familja u t-Tfal. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

472.7.17 Is-Sinjura Anna Calleja tkellmet dwar l-attivit kompetizzjoni tal-figolli fi żmien l-Għid u talbet sabiex il-Kunsill jagħti pubbliċità lil din l-attività billi jiġu stampati *flyers* kif ukoll *posters* u dawn jiġu mqassma fid-djar, fl-iskejjel u fil-ħwienet lokali. Is-Sinjura Calleja talbet ukoll illi din l-attività tiġi mħabra fl-avviżi tal-parroċċa, fuq Radju Hompesch, kif ukoll fuq il-midja soċjali. Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li tingħata pubbliċità lil din l-attività.

472.7.18 Is-Sindku tkellem dwar l-attivita` tal-Karnival li ser tittella' mal-kumpanija *Leon Promotions* u qal illi għal din l-attività kienu ser jinkrew is-siġġijiet. Is-Sindku qal ukoll illi l-attività kienet ser tixxandar *live* fuq Radju Hompesch. Is-Sur Joseph Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

472.7.19 Is-Sindku qal illi l-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel kienet ser iddoqq fl-okkażjoni ta' Ħadd in-Nies għall-ħlas ta' €1,160 u ma kienetx ser iddoqq għall-okkażjoni tal-Karnival. Is-Sur Joseph Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

**472.8 Rapport tal-Bord dwar l-espressjoni ta' nteress għall-inġaġġ ta' librara**

472.8.1 Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' librara. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu s-Sinjura Mary Grace Vassallo hija l-aktar kandidata addattata għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi mpjegata s-Sinjura Mary Grace Vassallo bħala librara mal-Kunsill.

**472.9 Deċiżjoni dwar il-kuntratti :**

- **Offerti għall-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku (ZLC 3/2015)**

472.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għall-manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku li l-Kunsill għandu mal-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku (ZLC 3/2015) ser jiskadi fil-25 ta' Mejju 2017 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt għal sena addizzjonali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

## 472.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

472.10.1 Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mis-17 ta' Jannar 2017 sat-13 ta' Frar 2017 li kienet tammonta għal €144,224.92.

472.10.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Jannar 2017 li kien jammonta għal €79.84.

472.10.3 Is-Sur John J Pace talab sabiex fil-21 ta' Marzu li ġej jorganizza l-attività Merħba lill-Ħarifa fis-Sala tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata l-attività Merħba lir-Rebbiegħa.

472.10.4 Is-Sur Mark Grech tkellem dwar ix-xogħol li kellu jsir sabiex titwessa' il-bankina li hemm quddiem il-*Bank of Valletta* fi Triq is-Santwarju peress illi r-rampa ta' mat-taraġ li hemm kienet qed tingombra l-bankina. Is-Sur Grech qal illi kien infurmat illi x-xogħol kien għadu ma nbediex peress illi l-*Bank of Valletta* kellhom diffikultà sabiex isibu kuntrattur li jagħmel dan ix-xogħol.

472.10.5 Is-Sur Mark Grech qal illi waqt laqgħa li kellu mas-Surmast tal-Kulleġġ Santa Margerita, Skola Primarja A Ħaż-Żabbar, ġie mitlub iressaq quddiem il-Kunsill talba sabiex tiġi organizzata attività bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u li jiġu mħawwla siġar taċ-ċitru, filwaqt li l-Kunsill jipprovdi l-*pots* għal dawn is-siġar. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attività flimkien mal-iskola u li jħallas għax-xiri tal-*pots*.

472.10.6 Is-Sur Joseph Vella ressaq quddiem il-Kunsill ilment li kien irċieva mingħand ir-residenti dwar problema ta' *parking* fil-viċinanzi ta' Ċentru Nazareth f'Misraħ il-Qalbiena Maltin. Is-Sur Vella ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jitlob il-permess tal-Arċipriet sabiex tiġi mnaddfa art tal-Knisja maġenb iċ-Ċentru Nazareth biex din tibda tintuża bħala *parking*.

472.10.7 Il-Viċi-Sindku talab sabiex jiġi mwaħħal *bin* tal-klieb f'Misraħ il-Qalbiena Maltin peress illi l-*bin* li kien hemm kien inkiser. Il-Viċi-Sindku talab ukoll sabiex il-*bin* il-ġdid ma jerġax jitwaħħal fl-istess post peress illi kien qed jintlaqat mill-vetturi.

472.10.8 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir *zebra crossing* ġdida fi Triq Wied il-Għajn ftit 'il isfel mill-*Crazy Horse*.

472.10.9 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jiġi mdawwal il-*bus shelter* li hemm fi Triq ix-Xgħajra ftit 'il isfel minn *Bontà Confectionery*.

472.10.10 Is-Sur Joseph Vella qal illi fi Triq ix-Xgħajra, il-parti minn mal-monument ta' Agatha Barbara sa Triq ix-Xgħajra, kien hemm id-dawl maqtugħ.

472.10.11 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li ssir *zebra crossing* ġdida f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

472.10.12 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li ssir *road hump* fi Triq ix-Xgħajra int u ħiereġ minn Triq ix-Xgħajra minn naħa ta' Triq il-Qaqoċċ direzzjoni lejn Triq is-Santwarju peress illi l-vetturi kienu qed isuqu b'veloċità qawwija. Is-Sur Mark Grech talab li jsir *refresh* tal-*give way* li hemm f'din il-parti tat-triq.

472.10.13 Is-Sur Mark Grech qal illi kien hemm bozza maqtugħa quddiem blokka *flats* li qed tinbena fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' Triq il-Qaqoċċ.

472.10.14 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi d-dawl li hemm mal-monument tal-Gwerra kien mitfi.

472.10.15 Is-Sindku semma l-ħtieġa li tiġi rranġata l-funtana peress illi kienet qed titlef l-ilma.

472.10.16 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fis-6 ta' Marzu kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani.

472.10.17 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill irċiviex risposta minn Transport Malta dwar it-talba biex issir *road hump* fi Triq iż-Żinġla. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

472.10.18 Is-Sinjura Anna Calleja talbet lill-Kunsill sabiex jindirizza l-problema ta' sewqan eċċessiv li qed isir fi Triq Santa Duminka.

472.10.19 Is-Sinjura Anna Calleja talbet ukoll li jiġu rranġati numru ta' ħofor perikolużi li kienu żviluppaw wara l-maltemp.

472.10.20 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex il-Kunsill jagħmel pressjoni mal-Gvern Ċentrali sabiex Triq Ħadd in-Nies tiġi asfaltata peress illi kien hemm ħafna ħofor fondi.

472.10.21 Is-Sur Joseph Bonnici reġa' qal illi l-*bus shelter* ta' Triq il-Mina ta' Hompesch li hemm fil-viċinanzi ta' *Scotts Supermarket* kien għadu ma jixgħelx.

472.10.22 Is-Sur Joseph Bonnici reġa' talab sabiex il-Kunsill jagħmel pressjoni ma' Transport Malta sabiex jinżebgħu l-marki tal-karreġġata fi Triq il-Mina ta' Hompesch.

472.10.23 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jiġu rranġati tappieri tad-drenaġġ li qed iħabbtu fi Triq is-Santwarju.

472.10.24 Is-Sur Joseph Agius reġa' semma' il-ħtieġa li ssir *road hump* fi Triq San Ġużepp fil-viċinanzi ta' Triq Villabate minħabba li kien qed isir sewqan eċċessiv.

472.10.25 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien hemm bank imkisser f'Misraħ San Ġakbu. Is-Sindku qal illi meta jsir vandaliżmu irid isir rapport mill-ewwel sabiex il-Pulizija jkunu jistgħu jinvestigaw il-każ.

472.10.26 Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) qal illi meta sar ix-xogħol ta' *patching* fi Triq ix-Xgħajra, il-kaptelli tad-drenaġġ ġew mgħottija.

472.10.27 Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) talab sabiex tiġi rranġata *U Bar* mkissra fi Triq Wied il-Għajn u *U Bar* oħra imkissra fi Triq il-Kunvent.

472.10.28 Il-Viċi-Sindku semma l-bżonn li tiġi rranġata bankina mkissra fi Triq l-Iskola.

472.10.29 Il-Viċi-Sindku talab lill-Kunsill jikteb lil Transport Malta sabiex jitneħħew it-tabelli mgħottija li hemm fi Triq il-Fustan.

472.10.30 Il-Viċi-Sindku reġa' talab sabiex il-Kunsill jerġa' jikteb lill-Gvern Ċentrali sabiex Triq San Leonardu tingħata wiċċ ġdid wara li din it-triq tħalliet imkissra wara xogħol li sar snin ilu minn kuntrattur imqabbad minn Transport Malta. Il-Viċi-Sindku qal illi din it-triq saret perikoluża ħafna peress illi fiha kienu żviluppaw ħafna ħofor perikolużi.

472.10.31 Is-Sindku qal illi Triq San Leonardu ma kinitx ingħatat wiċċ ġdid peress illi x-xogħol ta' tarmak ma kienx inkluż fis-sejħa għall-offerti mill-Gvern Ċentrali meta ġiet imwessa' it-triq u minflok intefa l-konkos fit-triq.

472.10.32 Is-Sur John J Pace semma l-ħtieġa li jiġu rranġati *culverts* tal-ilma tax-xita li hemm iħabbtu maġenb Sqaq il-Wied.

**472.11 Mozzjonijiet**

472.11.1 Il-mozzjoni ġiet diskussa waqt l-*item* Ġemellaġġ mal-Comune Di Vignanello.

**472.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

472.12.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 6 ta' Marzu, 2017.

IFFIRMATA

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-475 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 6 ta' April, 2017.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku